MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 773/2006

**Imhallef Lino Farrugia Sacco**

**vs**

**Kunsill Lokali Valletta et**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' ghoxrin Liri Maltin (LM20) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil attur in konnessjoni ma hlas ta' multa li kien intalab ihallas fit-30 ta' Gunju, 2004 mit-Tribunal Lokali Valletta u li fil-25 ta' Mejju, 2005 kien intavola rikors fil-Qorti tal-Magistrati ghar-revoka ta' l-imsemmija sentenza fejn gie liberat fl-1 ta' Frar, 2006 u li fil-frattemp l-attur gie mitlub ihallas din il-multa sabiex iggeded il-licenzja minkejja illi l-attur kien ipprezenta rikors

fil-Qorti tal-Magistrati ghar-revoka minn tali sentenza u li l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-Ispejjes u imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenut ipprezentat minn Dr David Farrugia Sacco fit- 8 ta' Novembru, 2006.

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------